MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2625/1999/1

**Josephine Farrugia, mart Paul, minnu *de facto* isseparata mill-10 ta' Jannar, 1998, bint il-mejjet Joseph Bugeja, f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Peter (d.o.b: 05.11.86) u Andrew (d.o.b: 14.11.89)**

**-vs-**

**Paul Farrugia, iben Michael, I.D. Nru. 257752(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi b'digriet numru 833/99, datat 24 ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999), moghti

mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili wara rikors ta’ l-attrici numru 2385 ipprezentat fid-29 ta’ Dicembru, 1998, skond kopja legali tad-dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument JPF1 fl-elenku tad-dokumenti, l-attirci ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega skond il-ligi biex tipprocedi b’din il-kawza a bazi ta’ Artikolu 37(1) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi l-kontendenti konjugi Farrugia inghaqdu fiz-zwieg nhar it-12 ta’ Ottubru, 1985, fil-knisja ta’ Sant’ Antnin, f’Ghajn Dwieli Road, Rahal il-Gdid, skond certifikat awtentikat taz-Zwieg rilaxxat mir-Registru Pubbliku ta’ Malta, li ghandu n-numru ta’ l-iskrizzjoni 1897/1985, u li kopja awtentika tieghu tinsab unita mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument JPF2;

Premess illi l-kontendenti konjugi Farrugia kellhom miz-zwieg taghhom zewgt itfal (2), u cioe` Peter li twieled nhar il-5 ta’ Novembru 1986 fil-Pieta`, skond certifikat awtentikat rilaxxat mir-Registru Pubbliku u li jgib in-numru ta’ l-iskrizzjoni 5086/ 20 ta’ Novembru 1986, skond dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument JPF3;

Premess illi t-tieni tarbija kienet Andrew li twieldet il-Pieta` skond certifikat awtentikat mir-Registru Pubbliku ta’ Malta li ghandu n-numru ta’ l-iskrizzjoni 5246/ 24 ta’ Novembru 1989, u elenkat fl-elenku tad-dokumenti bhala Dokument JPF4;

Premess illi l-konvenut huwa hati ta’ eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontra l-attrici, kif ukoll kontra l-istess ulied minuri, u llum il-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli, billi z-zwieg tkisser irremidjabilment, minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti konjugi Farrugia;

Premess illi minkejja diversi tentattivi biex issir is-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet, il-konvenut dejjem naqas li jikkoopera, u ghalhekk l-attrici kienet kostretta li tintavola dina l-kawza odjerna u fic-cirkostanza dina l-Qorti m’ghandhiex tippenalizza lill-attrici bl-ispejjez

ta’ dawn il-proceduri u atti konnessi ma’ dawn il-proceduri, meta din il-kawza setghet facilment tigi evitata kieku l-konvenut ma webbisx rasu u baqa’ jirrifjuta li jikkoopera ma’ l-attrici biex issir is-separazzjoni konsenswali;

Premess illi l-attrici tirreferi ghad-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa ma’ din ic-citazzjoni u a skana ta’ ripetizzjoni sejra tindika l-fatti li wasslu ghall-firda taghha *de facto* minn mal-konvenut, minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni, fl-imsemmija dikjarazzjoni;

Premess illi odjernament l-attrici ilha sseparata *de facto* minn mal-konvenut sa minn Jannar ta’ l-1998 u llum ma baqaghlha l-ebda alternattiva ghajr li tintavola l-kawza odjerna;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Farrugia permezz tas-sentenza odjerna li permezz taghha tispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejniethom li jghixu flimkien, Artikolu 35 (1) Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi din il-firda legali ghandha tirrferi ghad-dokument mehmuz u indikat bhala JF2 ossia ghaz-Zwieg ikkontrattat nhar it-12 ta’ Ottubru 1985 fil-knisja ta’ Sant’ Antnin f’Ghajn Dwieli, Rahal il-Gdid, 1897/ 14 ta’ Ottbru 1985;

3. Tiddikjara illi l-firda legali saret u giet affettwata b’tort uniku tal-konvenut, a bazi ta’ l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u cioe` minhabba ecessi, mohqirja, theddid, offizi gravi u ragunijiet ohra legalment fondati da parti tal-konvenut, kontra l-attrici kif ukoll uliedhom minuri b’mod illi l-hajja flimkien ta’ mizzewgin ma baqghetx aktar possibbli, billi z-zwieg llum tkisser irrimedjabilment u ma baqa’ ebda tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti konjugi;

4. Tordna lill-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali f’numru 77, Kent Street, Fgura, peress illi dana l-

fond gie akkwistat tul iz-zwieg nhar it-8 ta’ Awissu 1995, in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri LL.D. stante dak li jirrizulta lil din il-Qorti fil-mori ta’ din il-kawza odjerna;

5. Tordna lill-konvenut jivversa lill-attrici ghaliha personalment, kif ukoll ghaz-zewg ulied minuri sakemm jibqghu hekk manteniment adegwat skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u skond il-mezzi tal-konvenut, u meta jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet;

6. Taghti lill-attrici l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri u dana meta tqis bhala l-iktar konsiderazzjoni importanti l-gid ta’ l-ulied, ossia ta’ Peter u ta’ Andrew;

7. Tordna li l-konvenut ghandu jitlef a bazi ta’ Artikolu 48 tal-Kodici Civili l-jeddijiet imsemmija fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili; kif ukoll dak kollu li jkun kiseb mill-attrici b’donazzjoni bi hsieb ta’ zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;

8. Tordna li l-konvenut ghandu jitlef a bazi ta’ para. C, sub-artikolu 1, Artikolu 48 kull jedd da parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita` mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda, u dana kif stabbilit fil-Ligi;

9. Tordna li l-konvenut ghandu jitlef il-jedd li jgieghel lill-attrici, f’kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta’ l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

10. Tapplika fid-diskrezzjoni taghha l-effetti tas-subartikolu 2 ta’ l-Artikolu 48, kif ukoll l-effetti ta’ Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Tapplika fis-diskrezzjoni taghha l-effetti ta’ l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili bis-seba’ sub-artikoli tieghu li ghandhom ikunu applikati mill-Qorti;

12. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti konjugi Farrugia u ittemm mill-jum li fih is-sentenza tkun

finali u konklusiva, kif ukoll tapplika fid-diskrezzjoni taghha t-tliet sub-artikolu ta' l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

13. Tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 55A bit-tliet sub-artikoli tal-Kap. 16 fir-rigward tad-dar taz-zwieg fir-residenza skond kif hawn fuq indiata;

14. Tapplika l-effetti ta' l-Artikoli 56 bil-hames sub-artikoli, kif ukoll 57 bit-tliet subartikoli, kif ukoll Artikolu 60 sub-artikolu (1) u sub-artikolu (2) tal-Kodici Civili;

15. Tapplika s-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 60 tal-Kodici Civili u tiddikjara illi l-konjugi Farrugia, il-partijiet kontendenti iddekadew fil-konfront ta' xulxin mid-drittijiet successorji taghhom, u li kwindi kull testment vigenti bejn il-kontendenti fil-mument tas-sentenza definittiva (*res judicata*) ghandu jitqies legalment awtomatikament emendata u modifikat biex huma

legalment huma mehtiega biex is-separazzjoni legali ta' bejn il-kontendenti konjugi Farrugia tkun ufficjalment mahrufa fir-rigward ta' terzi;

17 Taghti kwalsiasi provvedimenti u dawk il-provedimenti kollha li dina l-Qorti jidhirla xieraq u opportun illi taghti u tordna fic-cirkostanzi u a bazi tat-talbiet attrici kif hawn suesposti, inkluz in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci, kuraturi *ad litem* biex jirraprezentaw lill-minuri, periti apoziti biex jevalwaw l-assi tal-kontendenti u dak kollu li din il-Qorti ghandha s-seta' li taghmel halli l-firda legali ta' bejn il-kontendenti tkun wahda finali u deciziva;

18 Tiddikjara li l-attrici m'ghandha tbaghti ebda forma ta spejjez u dana peress illi s-separazzjoni konsenswali ta' bejn il-kontendenti ma sehhitx b'tort uniku tal-konvenut li baqa' sfidanti ghad-diversi tentattivi da parti ta' l-attrici biex issir is-separazzjoni konsenswali;

Konkluzjoni:-
Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji, inkluz dak ta' kwalsiasi att procedurali konness direttament u

indirettament ma’ dawn il-proceduri odjerni kontra l-konvenut Paul Farrugia;

B’rizerva ta’ kwalsiasi azzjoni ghad-danni ulterjuri spettanti lill-attrici fid-dawl ta’ dak li jirrizulta fil-mori ta’ din il-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni hija irrita u nulla stante illi fil-korp taghha u in partikolari fejn tiffirma l-Onorabbli Qorti li tohrogha hija wkoll iffirmata minn terzi persuni (apparentement mill-attrici u avukati difensuri taghha);

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kwalita` ta’ l-attrici bhala kuratrici *ad litem* ta’ uliedha minuri Peter u Andrew, mhux minnu illi hija giet appuntata kuratrici *ad litem* taghhom u ghaldaqstant, hija ma tistax tirraprezenta l-interessi ta’ l-istess ulied;

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jeccepixxi li l-attrici ma ghandhiex interess guridiku legittimu stante li sostanzjalment hija qed tibbaza it-talbiet taghha fuq adulterju flagrante taghha stess;

4. Fil-meritu, izda sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, dwar it-talbiet attrici l-eccipjenti jeccepixxi:

(i) Dwar l-ewwel talba: L-eccipjenti jaqbel illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda dan biss ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici, fosthom, ingurji gravi, adulterju, dezerzjoni kif wkoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament tort taghha;

(ii) Dwar it-tieni talba: Din it-talba hija superfluwa ghax huwa ovvju mill-premesssi ghall-liema obbligi ta' zwieg is-separazzjoni personali qed tintalab;

(iii) Dwar it-tielet talba: L-eccipjenti jeccepixxi illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici li hija wkoll hatja lejn l-eccipjenti ta' eccessi, mohqrija, theddid u in partikolari ingurji gravi, adulterju u deserzjoni;

(iv) Dwar ir-raba' talba: Illi ma hemm ebda raguni li tiggustifika illi l-konvenut jinhareg mid-dar konjugali, stante illi dina hija l-unika residenza tieghu u l-attrici attwalment qed tikkonvivi ma' terza persuna;

(v) Dwar il-hames talba: L-eccipjenti gja qed jivversa manteniment adegwat ghal Andrew li attwalment qieghed taht il-kura u kustodja ta' l-attrici, liema manteniment ghandu jispicca hekk kif il-Qorti kompetenti tnehhi l-istess iben minn taht il-kura u kustodja ta' l-attrici. L-eccipjenti jeccepixxi illi hu ma ghandu jhallas ebda manteniment lill-attrici ghaliha personalment, stante illi hija ddekadiet minn dana d-dritt minhabba adulterju, ingurji gravissimi u deserzjoni;

(vi) Dwar is-sitt talba: Din it-talba ghandha tigi michuda ghax mhux fl-ahjar interess ta' l-istess ulied illi dawn jinghataw fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

(vii) Dwar is-seba', tmien, u ghaxar talbiet: Dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut stante li ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw l-applikazzjoni taghhom kontrih. Tabilhaqq jezistu tali cirkustanzi fil-konfront ta' l-attrici;

(viii) Dwar id-disa' talba: L-eccipjenti jeccepixxi illi ma jezistux cirkustanzi li jiggustifikaw t-terminazzjoni ta' l-obbligi ta' l-attrici li taghti manteniment lill-konvenut skond il-ligi;

(ix) Dwar il-hdax-il talba: L-eccipjenti jeccepixxi illi jeziztu cirkustanzi fejn l-attirci ghandha tibqa' obbligata li

jekk jinqalghu c-cirkustanzi thallas manteniment lill-eccipjenti, u li hija da parti taghha ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha nfisha;

(x) Dwar it-tnax-il talba: L-eccipjenti jeccepxxi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

(xi) Dwar it-tlettax-il talba: L-eccipjenti jissottometti illi dan 1-artiklu jista’ jigi applikat sabiex id-dar konjugali tibqa’ tintuza mill-eccipjenti;

(xii) Dwar l-erbatax-il talba: L-eccipjenti jissottometti illi jkun fl-ahjar interess ta’ uliedu illi l-kura u kustodja taghhom tigi fdata f’idejh;

(xiii) Dwar il-hmistax-il talba: L-eccipjenti jeccepixxi illi l-artiklu 60 mhux applikabbli;

(xiv) Dwar is-sittax-il talba: L-eccipjenti jirrileva illi ma kienx hemm talba numerata (16);

(xv) Dwar is-sbatax-il talba, cioe’ dik numerata (17) illi din it-talba hija superfluwa stante li tirrepeti l-ewwel paragrafu tac-citazzjoni;

(xvi) Dwar it-tmintax-il talba u cioe` dik numerata (18) u dik sussegwenti imsejha “Konkluzjoni”: illi it-talba numerata 18 hija superfluwa stante illi hija kompriza f’dik imsejha “Konkluzjoni” u f’kull kaz, l-attrici ma tistax tkun intitolata ghall-ispejjez extragudizjarji.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut u rat in-nota responsiva ta’ l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

F'din l-istanza l-konvenut issolleva tliet eccezzjonijiet ta' indoli preliminari u huwa proprju dawn li ser jigu hawn trattati u decizi. Rikapitulazzjoni taghhom hu kif gej:-

(I) l-irritwalita` u n-nullita` tac-citazzjoni billi fejn solitament tiffirma l-Qorti din hi ffirmata wkoll mill-attrici u l-avukati difensuri taghha;

(II) l-attrici ma gietx appuntata kuratrici *ad litem* ta' l-ulied minuri u ghalhekk hi ma tistax tipprezenta l-interess taghhom fil-proceduri;

(III) l-attrici m'ghandiex interess guridiku legittimu stante li sostanzjalment hi qed tibbaza it-talbiet taghha ghas-separazzjoni fuq l-adulterju flagrante taghha stess;

Dwar l-ewwel eccezzjoni tajjeb li qabel xejn jigi ribadit dak sostenut mil Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. I para. 43) fis-sens li n-nullita` "*e` un mezzo estremo cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`*";

Effettivament l-Artikolu 789 tal-Kap. 12 jipprovdi ghal kazijiet fejn tista' tinghata l-eccezzjoni ta' nullita`. Kif spjegat mill-Imhallef insenji Maurice Caruana Curran fid-decizjoni tieghu "**Victor Debono et -vs- Onor. Dr. Vincent Tabone noe**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Mejju 1970, dan id-dispost tal-ligi "jikkontempla zewg tipi ta' nullita`, dik testwali [subinciz (a)] u dik virtwali [subincizi (c) u (d)] konsistenti ghal (c) fis-semplici vjolenza ta' forma, anke jekk mhux taht piena ta' nullita`, u dak tal-paragrafu (d) cioe` meta l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.";

Hekk per ezempju s-sottoskrizzjoni tal-gudikant fuq ic-citazzjoni hi meqjusa bhala "*un elemento costitutivo della citazione*" [li allura taqa' taht l-inciz (d)] u mhux "*semplicemente una condizione di formalita`*" [kazellata taht l-inciz (c)] (**Vol. XXVI P II p 13**);

Issa *ictu oculi* ma jistax jigi ritenut illi fl-att tac-citazzjoni *de quo* tinsab raffigurata xi wahda mill-ipotesijiet dwar nullita` ta' atti gudizzjarji kontemplata fl-imsemmi Artikolu 789, Kap. 12. Il-firma tal-gudikant li ssottoskriva c-citazzjoni hi ben distinta mill-firem ta' l-Avukati apportati qabel l-ghoti ta' l-ordni ta' l-Imhallef. Huwa veru li l-firma ta' l-attrici tnizzlet zbaljatament fuq il-parti fejn solitament jigi ndikat l-isem tal-gudikant, u kien ikun aktar desiderabbli u floku kieku dan ma sarx. Dan in-nuqqas pero`, jekk tista' issejjahlu tali, ma jgibx ghan-nullita` ta' l-att. In-nullita` hija haga odjuza u ghandha tigi ordnata meta espressament komminata mil-ligi u meta serjament l-att ma jistax xort' ohra jissewwa;

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta;

In essenza permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jissolleva l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` tal-persuna u dan stante illi ma jidhrix illi ghal fini ta' din il-kawza l-attrici giet nominata kuratrici *ad litem* ta' l-ulied minuri. Incidentalment eccezzjoni simili giet avvanzata mill-attrici fil-konfront ta' zewgha fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 2151/00);

Ir-rejazzjoni ta' l-attrici ghal din l-eccezzjoni ma toffri l-ebda spunt guridiku u hi diretta biss ghall-akkwist tas-simpatija tal-fatt li hi l-aktar persuna idonea biex tiehu hsieb l-interess ta' l-ulied minuri u dawn jafu lilha biss ghat-trobbija, harsien u s-salvagwardja suprema taghhom; Ammirevoli kemm hi ammirevoli din l-accertazzjoni, b'danakollu ma toffri l-ebda soluzzjoni ta' indoli guridika;

Fid-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili nsibu li minuri huwa nkapaci li joqghod f'kawza bhala attur jew konvenut <u>hlief</u> fil-persuna tal-genitur li jkun qed jezercita s-setgha tal-missier ... (Artikolu 781(a)). B'danakollu din l-inkapacita ma tissussistix f'kawza kontra l-genitur <u>basta</u> li dak il-minuri jkollu kuratur *ad litem* (Artikolu 782(b)). Jissokta mbaghad jigi precizat fid-disposizzjoni sussegwenti illi dan il-kuratur *ad litem* jigi mahtur mill-istess qorti li quddiemha l-kawza

tkun giet imressqa jew tkun sejra tigi mressqa, fuq rikors ta' kull minn ikollu interess (Artikolu 783);

Minn dawn id-disposizzjonijiet procedurali huwa indubitat illi l-attrici kien jehtiegilha tintavola att gudizzjarju (ir-rikors) biex tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* u mhux dan tassumieh *sua sponta*. Kien ikun differenti l-kaz kieku hi kienet gja mifruda legalment minn zewgha u talbet f'isimha u f'isem l-ulied minuri l-alimenti minghand zewgha minghajr ma kienet mahtura kuratrici *ad litem*. Gie enuncjat ili anke minghajr din il-hatra l-omm setghet taghmel din l-azzjoni (**Vol. XXIX P II p 428; Vol. XXXVIII P II p 480; "Giuseppa mart Michele Spiteri pro et noe -vs- Michele Spiteri"**, Appell Civili, 8 ta' Novembru 1971);

Din is-sitwazzjoni pero` tista' tigi rimedjata anke f'dan il-kaz billi dan in-nuqqas jista' jissewwa, kif hekk ukoll jipprovdi u jahseb ghalih il-proviso introdott bl-Att XXIV ta' l-1995 ghall-Artikolu 789, referibbilment ghas-subincizi 1(a), (b) u (c) tieghu. Ghalhekk fid-dispositiv ta' din is-sentenza l-Qorti ser tahseb biex l-attrici tirregolarizza l-posizzjoni taghha;

Kwantu ghat-tielet eccezzjoni din hi assolutament bla bazi serja. Dan in kwantu mill-istess korp tac-citazzjoni hu evidenti li l-atrici adduciet bhala bazi ghall-azzjoni taghha l-eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti ta' zewgha. Fil-verita` fid-dikjarazzjoni kopjuza akkompanjanti c-citazzjoni ma hemmx biss l-adulterju konfessat minnha izda wkoll episodji ohra saljenti tal-hajja mizzewga li jistghu, jew ma jistghux - fattur dan li ghalissa qed jithalla impregudikat - jaghtu sostenn lil fondament ta' l-azzjoni taghha;

Gjaladarba issa gie spjanat it-terren ta' l-ostakoli procedurali sollevati mill-konvenut, jibqa' li l-kawza tigi mhollija ghat-trattazzjoni fil-meritu;

B'dana kollu din il-Qorti thossha fid-dover li tirrileva, u fil-fatt ser tipprovdi ukoll dwar dan, illi ma tistax taccetta li fi skritturi prezentati quddiemha, jew li gja jinsabu fl-atti, jintuza kliem "ingurjuz" jew "offensiv" jew xort' ohra

"oggezzjonabbli". Tali agir jikkostitwixxi disrispett lejn il-Qorti kif hekk jissanzjona l-Artikolu 994 tal-Kap. 12. Dan qed jinghad in partikolari ghal kliem uzat fin-Nota responsiva ta’ l-attrici fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenut. Ghalhekk ser tipprovdi billi tordna l-isfilz tal-paragrafu (6) ta' din in-Nota.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi, prevja l-isfilz ta' paragrafu sitta (6) fin-Nota ta' Sottomissjonijiet responsiva ta' l-attrici a fol. 52 u 53 tal-process, tichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut b'dan illi zmien hmistax (15) mil-lum l-attrici ghandha tintavola rikors opportun fejn titlob li tigi nominata kuratrici *ad litem* ta' l-ulied minorenni Peter u Andrew.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali, mentri l-kawza qed tithalla ghal-kontinwazzjoni u trattazzjoni fil-meritu.

(ft) Philip Sciberras

________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur